**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 51 - IT-TLIETA 27 TA' SETTEMBRU 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:32pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku (waslet fit-19:38) |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier (wasal fit-19:37) |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm preżenza ta' pubbliku. | |

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) għarraf li l-Kunsillier Sammut kien infurmah li ma setax jattendi għal-laqgħa. Kopja tal-email hija annessa f'A.

1.2. Is-SE fakkar ukoll li l-Kunsillier Galea kien jinsab skużat permezz ta' email mibgħuta aktar qabel.

**2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżenta il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

2.2. Il-minuti ġew approvati wara proposta mill-Viċi Sindku u sekondata mill-Kunsillieri Sciberras u Cuomo. Il-minuti ġew iffirmati mill-Viċi Sindku u mis-SE.

**3. PUNTI MILL-MINUTI**

3.1. Il-Kunsillier Brincat talab aġġornament dwar il-laqgħa mal-kuntrattur tal-knis, punt numru 6.13 mill-minuti.

3.2. Is-SE informa li kienu waslu xi ilment dwar Triq il-Għargħur, li kienu ġew solvuti.

3.3. Il-Viċi Sindku infurmat ukoll li kienet kellmet lill-Kuntrattur personalment dwar xi ilmenti li kienet irċiviet hi, u l-kuntrattur kien ħa azzjoni immedjata.

3.4. Il-Kunsillier Gatt semma l-problema li għalkemm qiegħed inaddaf fl-istess ġurnata, ħafna drabi jiġi tard.

3.5. Il-Kunsillier Sciberras ukoll semma li s-Sibt kien hemm triq li suppost naddaf iżda ma tnaddfitx.

3.6. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Agius. Il-ħin kien is-19:37.

3.7. Il-Kunsillier Brincat issuġġerixxa li għandha tiġi diskussa l-problema tal-iskart u t-tindif fil-laqgħa li jmiss.

3.8. F'dan il-ħin waslet is-Sindku. Il-ħin kien is-19:38.

3.9. Il-Kunsillier Gatt staqsa dwar l-applikazzjoni biex Triq San Injazju ta' Loyola issir one way, punt numru 6.17. Is-SE infurmah li kienet għaddiet it-talba għand TM.

3.10. Staqsa wkoll dwar is-sistema ta' *one way* ta' Triq Ġużeppi Stivala. Wara diskussjoni qasira kien hemm il-qbil li jmorru fuq il-post is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Gatt, biex jaraw kif inhi eżattament is-sitwazzjoni.

3.11. Il-Viċi Sindku semmiet li fir-rigward tat-talba biex tinbena niċċa ġewwa r-*rock garden* min xi residenti, punt numru 4.6, hija kienet għaddiet id-dettalji lis-SE biex ikunu jistgħu jiddiskutu r-regolamenti.

3.12. Il-Viċi Sindku infurmat ukoll li kienet tkellmet ma' Pauline Miceli l-attività għall-Jum Dinji tat-Tfal, f'Novembru, u qalet li s-Sinj. Miceli xtaqet tiddiskuti mal-Kunsill f'aktar dettall.

3.13. Il-Viċi Sindku infurmat li dwar, l-attività bħala parti mill-Kampanja Familja Attiva, punti numru 9.1 u 9.2, fit-8 ta' Ottubru kienu se jsiru open days mill-YUE u Hilltop Gardens. Filwaqt li fid-9 ta' Ottubru kienu se jsiru attivitajiet varji fil-pjazza fosthom attivitajiet għall-anzjani kif ukoll sports mill-iStariltes Basketball Club. Se jkun hemm ukoll numru ta' stalls fil-pjazza fosthom tal-GreenPak, YUE, SPCA, Appoġġ, 34U Campaign, Transport Malta, Dipartiment tas-Saħħa. Għandu jkun hemm attivitajiet sportivi organizzati min-Naxxar Lions Football Club ġewwa l-grawnd tal-futbol.

3.14. Is-SE informa li kienet saret laqgħa mal-Impressions Ltd fejn attendew għaliha l-Viċi Sindku u hu. Iddiskutew prezzijiet għall-promozzjoni tal-attività: €358 għad-disinn tal-materjal u €239 għall-istampar.

3.15. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jordna x-xogħol mingħand Impressions Ltd b'dawn il-prezzijiet.

3.16. Is-SE spjega ukoll li Impressions Ltd kienu kkwotaw ukoll prezzijiet għal-*boards* biex jitpoġġew barra. Dawn ikunu jistgħu jintużaw għal attivitajiet oħrajn billi jinxtara poster u jitpoġġa ġol-*board*. Il-prezz ta' dawn huwa ta' €685+VAT, li jinkludi żewġ posters. Wara diskussjoni kien hemm il-qbil li jinxtara wieħed.

3.17. Il-Kunsillier Brincat staqsa dwar id-*design contest* għall-pjazza, punt numru 3.2.

3.18. Is-Sindku infurmat li kienet tkellmet mal-Perit Wendy li ssuġeriet li jkunu żewġ periti u artist. Però infurmata li l-artist kien imsiefer u l-Perit Wendy se tkun impenjata b'xogħol ieħor f'Ottubru.

3.19. Il-Kunsillier Brincat sostna li hemm bżonn li jitħaffef il-proċess.

3.20. Rigward il-laqgħa informali kien hemm qbil li din issir it-Tlieta l-4 ta' Ottubru 2016 fis-19:30.

## 4. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA

4.1. Is-SE fakkar fiċ-ċirkolari 16/2016 mibgħuta mid-Dipartimet għall-Gvern Lokali, fejn il-Kunsilli ġew mitluba jaħtru Aġent Segretarju Eżekuttiv biex f'każijiet fejn is-SE ma jkunx jista jaġixxi fil-kariga tiegħu, il-Kunsill xorta jkollu Segretarju Eżekuttiv.

4.2. Is-SE informa li kien qed jipproponi lis-Sinj. Josette Micallef, li kienet taħdem ġewwa l-Kunsill tan-Naxxar qabel ma ġiet maħtura bħala Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill tal-Imtarfa. l-Kunsill qabel.

4.3. Is-SE informa li kienet waslet korrispondenza dwar Pink October, b'talba biex tiddawwal il-faċċata tal-Kunsill tul Ottubru bħala turija ta' solidarjetà. Il-Kunsill qabel li jdawwal il-faċċata mit-30 ta' Settembru.

4.4. Is-Sindku infurmat li l-Kunsillier Brincat u hi kienu kelmu lis-Sur Ray Zammit tal-LESA minħabba s-sitwazzjoni tal-gwardjani fil-Pjazza.

4.5. Il-Kunsillier Brincat infurmah li kien hemm infurzar żejjed u bla rispett fil-Pjazza, iżda żoni oħra bħal Triq San Pawl u Vjal il-21 ta' Settembru, fejn ikun hemm ħafna ksur ta' liġi, injorati kważi kompletament. Is-sur Zammit wiegħed li kien se jieħu azzjoni.

4.6. Il-Kunsillier Brincat issuġġerixxa li għandha ssir laqgħa bejn il-Kunsill u l-LESA biex l-affarijiet ikunu aktar ċari.

4.7. Il-Viċi Sindku infurmat li nhar it-12 ta' Settembru s-SE u hi kienu ltaqgħu ma' rappreżentanti tal-Bird Life li qalu li s-siġar tan-Naxxar huma b'saħħithom ħafna u kkurati tajjeb. Madanakollu xorta appellaw biex meta l-Kunsill jiżbor jaħseb ukoll fuq il-fatt li s-siġar huma l-kenn ta' eluf ta' għasafar.

4.8. Il-Viċi Sindku infurmat ukoll li kienet attendiet laqgħa mal-Awtorità tal-Ippjanar, u ppreżentat r-rapport tal-laqgħa. Kopja tar-rapport annessa f'B.

4.9. Is-Sindku infurmat li hi u l-Kunsillier Gatt kienu attendew għal laqgħa ma' Transport Malta (TM) nhar il-Ħamis 22 ta' Settembru. Kompliet billi tispjega li TM se jkunu qed iwessgħu it-triq li tagħti għall-Iklin sabiex jitjieb l-influss tat-traffiku.

4.10. Il-Kunsillier Gatt informa li hu u s-Sindku ssuġġerew li titwessa ukoll il-bypass tal-Għargħur li tagħti għal Triq tal-Balal, kif ukoll li tiċkien ir-rawndebawt ta ħdejn Kinds.

4.11. Is-Sindku infurmat li TM qalu li se jieħdu inkonsiderazzjoni s-suġġerimenti tal-Kunsill. TM għandhom iżommu l-Kunsill infurmat billi jlestu l-pjanti ta' dawn il-proġetti u jbgħatuhom lill-Kunsill.

4.12. Il-Kunsillier Cuomo infurmat li se ssir laqgħa tal-Majjistral nhar l-Erbgħa 28 ta' Settembru, fis-18:30 ġewwa l-Kunsill Lokali tal-Imġarr dwar miżuri Ewropej. Stiednet lil kull min hu interesat, biex jattendi.

4.13. Is-SE informa li l-ġimgħa ta' qabel saret l-ewwel kompetizzjoni tas-sajd organizzata mir-Reġġjun Tramuntana.

4.14. Is-SE informa lill-Kunsill dwar applikazzjoni ta' żvilupp ta' dar tal-anzjani f'żona ODZ. Spjega li l-konsulenti tal-Kunsill ma setgħux jgħatu l-kummenti tagħhom minħabba li kienu involuti privatament f'xogħol dwar l-istess żvilupp.

4.15. Il-Viċi Sindku sostniet li hemm 20 familja li qed joġġezzjonaw dan l-iżvilupp, u li qabbdu perit privatament biex ilesti rapport.

4.16. Wara diskussjoni kien hemm il-qbil li l-Kunsill jinforma lill-Awtorita tal-Ippjanar li jinsab konċernat minn dan l-iżvilupp, u li jixtieq jibqa' infurmat dwaru.

## 5. ĦLAS TA' KONTIJIET, RENDIKONTI FINANZJARJI U INFIQ

5.1. Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'Ċ wara proposta mill-Viċi Sinkdu u sekondat mill-Kunsillier Sciberras.

5.2. Il-Kunsill approva wkoll il-listi ta' dħul u infiq, kif annessi f'D u E rispettivament wara proposta mill-Viċi Sindku u sekondat mill-Kunsillier Sciberras.

5.3. Is-SE ippreżenta stima għal traqqiegħ ta' toroq mhux urbani li tammonta għal €17,785.

5.4. Wara diskussjoni kien hemm il-qbil li l-Kunsill imexxi bix-xogħol.

## 6. RAPPORT DWAR IL-LIFT TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU

6.1. Is-SE ippreżenta r-rapport tal-Inġinier dwar il-lift taċ-Ċentru Ċiviku. Dan ir-rapport juri li l-lift preżenti huwa antik u ma jilħaqx l-istandards skont ir-regolamenti. Dawn ir-regolamenti huma obbligatorji u għalhekk il-Kunsill ma jistax ma jieħux passi. Ir-rapport jinkludi żewġ opzjonijiet, waħda li jkun irranġat (*upgraded*) iżda jeskludi kull ħaġa relatata mal-estetika, bi stima ta' €19,500 u oħra għal wieħed kompletament ġdid li jtella' stima ta' madwar €30,000.

6.2. Wara diskussjoni kien hemm il-qbil li jibda l-proċess biex jinxtara lift ġdid.

## 7. IMPJIEG TA' SKRIVAN/A

7.1. Is-SE spjega l-bżonn li l-Kunsill jimpjega skrivan/a ġdid/a minħabba ż-żieda fl-ammont ta' xogħol kif ukoll il-fatt li fil-futur qrib waħda mill-iskrivani se tkun nieqsa għal ammont ta żmien minħabba *maternity leave*.

7.2. Wara diskussjoni qasira kien hemm il-qbil li jibda l-proċess għall-impjieg ta' skrivan/a wara li jkun hemm l-approvazzjoni mid-DLG.

7.3. Il-Kumitat tal-għażla se jkun magħmul mis-Sindku, il-Viċi Sindku, u l-Kunsilliera Gatt, Cuomo. Il-Kunsillier Brincat ikun sostitut tal-Kunsillier Gatt f'każ li ma jkunx jista' jattendi.

## 8. IMWEJJED U SIĠĠIJIET FIL-PJAZZA

8.1. Il-Kunsillier Sciberras informa li l-Pulizija kienu daru l-istabbilimenti kollha tax-xorb fil-pjazza biex jirregolarriżaw lil kulħadd dwar it-tpoġġija tal-imwejjed u siġġijiet.

8.2. Huwa ppropona li l-Kunsill iwaħħal aktar bankijiet tal-injam, bħal ma hemm quddiem il-każin tal-Labour, madwar il-pjazza u joffri lis-soċjetajiet biex japplika f'isimhom għall-permess ta' mwejjed u siġġijiet. Is-soċjetajiet għandhom iħallsu l-ispiża tal-bankijiet u jkunu responsabbli għall-manteniment tagħhom.

8.3. Il-Kunsillier Brincat talab li tkun sospiża l-laqgħa għal ftit.

8.4. Il-Kunsill qabelli tiġi sospiża l-laqgħa. Il-ħin kien id-21:27.

8.5. Il-laqgħa tkompliet fid-21:30.

8.6. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jivverifika b'mod legali x'inhu definit bħala *street furniture* biex ikun jaf jekk jistax jagħmel tali imwejjed (*picnic tables*).

## 9. L-ATTIVITAJIET GĦAX-XHUR LI ĠEJJIN

9.1. Il-Viċi Sindku infurmat li se ssir press release nhar l-Erbgħa 5 ta' Ottubru dwar il-Kampanja Familja Attiva.

9.2. Infurmat ukoll li saru kuntatti ma' gwida biex tkun tista ddawwar in-nies man-Naxxar. Il-Kunsill qabel li jinkludi t-tours bil-gwida għall-prezz ta' €80.

9.3. Il-Kunsill qabel ukoll li, jekk ikun possibli ssir konferenza stampa fil-5 ta' Ottubru bil-preżenza tal-Ministri konċernati.

9.4. Il-Kunsillier Cuomo fakkret li kienet issuġġeriet li jsir stħarriġ dak inhar u fil-fatt kienet għaddiet xi mistoqsijiet lis-SE.

9.5. Is-SE informa li rċieva korrispondenza mingħand l-imsieħba Griegi (Agia-Larissa) li xtaqu jieħdu sehem fl-attività tal-Milied bħala grupp folkloristiku ta' madwar 25 persuna. L-ispejjeż kollha tat-titjiriet u l-akkomodazzjoni se jħallsuhom huma u l-Kunsill qabelli jitrattahom u jipprovdi trasport intern.

9.6. Is-SE informa wkoll li rċieva mingħand grupp Taljan, min Riccia, Campobasso, li urew ix-xweqa li jipparteċipaw b'grupp folkloristiku ta' 25 persuna. Iżda dawn riedu li l-akkomodazzjoni titħallas mill-Kunsill. Il-Kunsill però qabel li din is-sena m'għandux iħallas għall-akkomodazzjoni hu u jekk xtaqu jsir l-istess arranġament kif se jsir mal-Griegi.

**10. TMIEM IL-LAQGĦA**

10.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis 27 ta' Ottubru 2016 fis-19:30.

10.2. Il-laqgħa ntemmet fl-21:54.

*(Iffirmati)*

**Maria F. Deguara *MD,MMCFD***

**Sindku**

*(Iffirmati)*

**Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM**

**Segretarju Eżekuttiv**

**A**

Gmail

**Paul Gatt** <[illegible]>

## Skuzat

**Clinton Sammut Sammut** <[illegible]>
To: Paul Gatt <[illegible]>

27 September 2016 at 19:23

Ghaziz Sur Segretarju,

Qieghed nibghat din l-email biex gentilment ninforma lilek u lill-membri tal-kunsill li llum ma nistax nattendi l-laqgha tal-kunsill. Niskuza ruhi li qieghed navza verament ftit minuti qabel tibda l-laqgha imma ma stajt nasal ghal ebda arrangament biex inkun nista' nattendi l-laqgha.

Kif kont infurmajtek ftit tal-jiem ilu bhalissa ghandi membru tal-familja li qieghed l-isptar u qieghed niehu hsieb membru tal-familja anzjana u li ma nkunx nista' nhalli wahedha.

Tislijiet,

--
**Clinton**
----
Clinton Sammut
B.Ed (Hons.) (Melit.), Gen. Stud. (Melit.) & M.A. Public Policy (Melit.)
Councillor- Naxxar Local Council

# B

Ċ

**KUNSILL LOKALI: IN-NAXXAR** — **SKEDA NRU. LAQGHA 51**

**SKEDA TAL-ĦLASIJIET - RAPPORT TA' XIRI U PAGAMENTI**

**DATA: MIL-24 TA' AWWISSU 2016 SAS-16 TA' SETTEMBRU 2016**

| | FORNITUR | AMMONT TAL-INVOICE | AMMONT LI SER JITĦALLAS | METODU* | | DESKRIZZJONI | DATA TAL-INVOICE | NRU. TAL-INVOICE | NRU. TAL-PR | NRU. TAL-PO | NRU. TAN-NOMINAL ACCOUNT | NRU. TAĊ-ĊEKK |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | ADI ASSOCIATES LTD | €178.12 | €178.12 | T | PF | REVIEW OF PLANNING APPLICATIONS - JUL 16 | 31-07-16 | 1824 | N/A | N/A | 3130 | |
| 2 | ADI ASSOCIATES LTD | €159.52 | €159.52 | T | PF | REVIEW OF PLANNING APPLICATIONS - AUG 16 | 31-08-16 | 1854 | N/A | N/A | 3130 | |
| 3 | ANTHONY SCHEMBRI | €230.00 | €230.00 | NA | PF | REFUNDABLE DEPOSIT FOR PLACING MACHINERY IN PJAZZA VITTORJA | N/A | N/A | N/A | N/A | 4006 | 20002 |
| 4 | ANTOINETTE GALEA | €230.00 | €230.00 | NA | PF | REFUNDABLE DEPOSIT FOR PLACING MACHINERY IN TRIQ L-ALFIER | N/A | N/A | N/A | N/A | 4006 | 20003 |
| 5 | ANTON ZARB | €1,056.18 | €1,056.18 | D | PF | DECORATIVE POLE & 2 LITTER BINS | 10-08-16 | AZ 128-16 | 5557 | 5557 | 2316 | |
| 6 | ARMS LTD | €1,582.41 | €1,582.41 | NA | PF | ELECTRICITY BILLS FOR THE SAN PAWL TAT-TARGA IN TRIQ SAN PAWL [04/12/2013 TILL 08/06/2016] | SEVERAL | SEVERAL | N/A | N/A | 2130 | 19959 |
| 7 | ARMS LTD | €101.01 | €101.01 | NA | PF | ELECTRICITY BILL FOR SPTT SITE IN TRIQ SAN PAWL [09/06/2016 TILL 08/08/2016] | 29-08-16 | 22690375 | N/A | N/A | 2130 | 19987 |
| 8 | ARMS LTD | €969.74 | €969.74 | NA | PF | ELECTRICITY & WATER CONSUMPTION BILL FOR NAXXAR LOCAL COUNCIL OFFICES [12/07/2016 TILL 11/08/2016] | 30-08-16 | 22712422 | N/A | N/A | 2130 | 19988 |
| 9 | BLOOM CREATIVE | €885.00 | €885.00 | D | PF | NAXXAR LOCAL COUNCIL WEBSITE DEVELOPMENT | 31-08-16 | 83 | N/A | N/A | 3110 | |
| 10 | CASH | €31.90 | €31.90 | NA | PF | PETTY CASH - END OF AUG 16 | N/A | N/A | N/A | N/A | 5010 | 19955 |
| 11 | CHRISTOPHER CASSAR TORREGGIANI | €120.00 | €120.00 | NA | PF | REFUNDABLE DEPOSIT FOR PLACING MACHINERY IN TRIQ E BRADFORD | N/A | N/A | N/A | N/A | 4006 | 19996 |
| 12 | COMMISSIONER OF INLAND REVENUE | €2,827.88 | €2,827.88 | NA | PF | FSS + NI - JUL 16 | N/A | N/A | N/A | N/A | 1500 | BANK TRANSFER |
| 13 | COMMISSIONER OF INLAND REVENUE | €3,135.60 | €3,135.60 | NA | PF | FSS + NI - AUG 16 | N/A | N/A | N/A | N/A | 1500 | BANK TRANSFER |
| 14 | COMPLEETIS SERVICES LTD | €36.45 | €36.45 | D | PF | APPLE IPAD AIR SMART COVER | 13-09-16 | 147725 | 5573 | 5573 | 3410 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 15 | COSYRA LEGAL | €126.67 | €126.67 | T | PF | LEGAL SERVICES - AUG 16 | 02-09-16 | NXR 5/16 | N/A | N/A | 3140 | |
| 16 | DEPARTMENT OF INFORMATION | €9.32 | €9.32 | NA | PF | ADVERT ON GOVT GAZETTE DATED FRI 26/08/2016 | N/A | N/A | 5571 | 5571 | 2940 | 19956 |
| 17 | DIMBROS LTD | €755.17 | €590.18 | T | PF | BULKY REFUSE COLLECTION - AUG 16 | 02-09-16 | 1573 | N/A | N/A | 3042 | |
| 18 | ENGENUITY LTD | €120.00 | €120.00 | NA | PF | REFUNDABLE DEPOSIT FOR PLACING MACHINERY IN TRIQ GUZE MUSCAT | N/A | N/A | N/A | N/A | 4006 | 19999 |
| 19 | ENVIRONMENTAL LANDSCAPES CONSORTIUM LTD | €3,047.92 | €3,047.92 | T | PF | GARDEN MAINTENANCE - AUG 16 | 31-08-16 | 17586 | N/A | N/A | 3061 | |
| 20 | FIONA FENECH | €120.00 | €120.00 | NA | PF | REFUNDABLE DEPOSIT FOR PLACING MACHINERY IN TRIQ L-ALGERIJA | N/A | N/A | N/A | N/A | 4006 | 20005 |
| 21 | FORESTALS | €318.60 | €318.60 | D | PF | PRINTER HP LASERJET PRO400 COLOUR M451NW | 16-09-16 | 69234 | 5578 | 5578 | 7310 | |
| 22 | G4S SECURITY SERVICES LTD | €223.02 | €223.02 | D | PF | CASH COLLECTION SERVICES - AUG 16 | 31-08-16 | GS015273 | N/A | N/A | 3190 | |
| 23 | GALEA CURMI ENGINEERING CONSULTANTS | €272.54 | €272.54 | T | PF | CONTRACT MANAGER FEE - AUG 16 | 31-08-16 | 2787 | N/A | N/A | 3130 | |
| 24 | GO PLC | €15.58 | €15.58 | NA | PF | RENTAL CHARGE - SEPT 16 (21417224) | 07-09-16 | 50484639 | N/A | N/A | 2160 | 20006 |
| 25 | GO PLC | €15.58 | €15.58 | NA | PF | RENTAL CHARGE - SEPT 16 (21416363) | 07-09-16 | 50484700 | N/A | N/A | 2160 | 20007 |
| 26 | GO PLC | €42.16 | €42.16 | NA | PF | RENTAL CHARGE - SEPT 16 (21416341) & CONSUMPTION - AUG 16 | 07-09-16 | 50484696 | N/A | N/A | 2160 | 20008 |
| 27 | GRACE CAMILLERI | €216.00 | €216.00 | NA | PF | NAXXAR BRANCH LIBRARIAN SERVICES - AUG 16 | 07-09-16 | NXR 8/16 | N/A | N/A | 2995 | |
| 28 | IMAGE SYSTEMS LTD | €101.46 | €101.46 | D | PF | INK FOR OFFICE PHOTOCOPIER - AUG 16 | 31-08-16 | 219557 | N/A | N/A | 2670 | |
| 29 | INNOVATIVE PROJECTS LTD | €4,670.82 | €4,670.82 | T | PF | STREET CLEANING - AUG 16 | 31-08-16 | 1132 | N/A | N/A | 3051 | |
| 30 | INTERACTIVE SERVICES LTD | €120.00 | €120.00 | NA | PF | REFUNDABLE DEPOSIT FOR PLACING MACHINERY IN TRIQ L-AWSTRALJA | N/A | N/A | N/A | N/A | 4006 | 19997 |
| 31 | JURGEN ATTARD | €1,587.00 | €1,587.00 | T | PF | HANDYMAN SERVICE - AUG 16 | N/A | N/A | N/A | N/A | 3125 | 19957 |
| 32 | JURGEN ATTARD | €306.00 | €306.00 | T | PF | FOOTBALL GROUND WARDEN - AUG 16 | 31-08-16 | 158759 | N/A | N/A | 3191 | |
| 33 | LEO'S GARAGE PARAMOUNT | €197.96 | €197.96 | D | PF | TRANSPORT SERVICE FOR THE ELDERLY - JUL 16 | 31-07-16 | 10003237 | 5472 | 5472 | 2720 | |
| 34 | MALTA COMMUNITY CHESTFUND | €130.00 | €130.00 | D | PF | DONATIONS TO MCCF SEPT 2016 | N/A | N/A | N/A | N/A | 3360 | 19986 |
| 35 | MALTA POST PLC | €118.11 | €118.11 | T | PF | DISTRIBUTION OF IL-KUNTATT MAL-KUNSILL TIEGHEK - AUG 16 ISSUE | 02-09-16 | 53769 | 5569 | 5569 | 2650 | |
| 36 | MARIA DEGUARA | €722.56 | €722.56 | NA | PF | MAYOR'S ALLOWANCE - AUG 16 | N/A | N/A | N/A | N/A | 1100 | N/A |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 37 | MARIA DEGUARA | €722.56 | €722.56 | NA | PF | MAYOR'S ALLOWANCE - SEPT 16 | N/A | N/A | N/A | N/A | 1100 | N/A |
| 38 | MEDIALINK COMMUNICATIONS CO. LTD | €356.15 | €356.15 | D | PF | PURCHASE OF BOOKS FOR NAXXAR LIBRARY (LIST OF BOOKS PRESCRIBED ON INVOICE) | 12-09-16 | 63207 | N/A | N/A | 2995 | |
| 39 | MELITA PLC | €103.01 | €103.01 | NA | PF | TELEPHONY MONTHLY PAY - AUG 16 (27013044) AND INTERNET - SEPT 16 | 01-09-16 | 103486494 | N/A | N/A | 2160 | 19990 |
| 40 | PARROCCA MARIJA BAMBINA | €130.00 | €130.00 | D | PF | FULL PAGE A4 COLOUR ADVERT ON THE NAXXAR FEAST MAGAZINE 2016 | 01-09-16 | 501/16 | 5560 | 5560 | 2940 | |
| 41 | PATISSERIE BAKERS AND CATERERS | €206.38 | €206.38 | D | PF | OPEN CANAPES, BAQUETTES, WAITERS, ICE CRUSHED FOR MCCF SEPT 16 | 04-09-16 | NXR 1/16 | 5567 | 5567 | 3360 | |
| 42 | PAUL GATT | €593.94 | €593.94 | NA | PF | REIMBURSEMENT IRO FLIGHTS FOR 3 PERSONS FOR VISIT TO STRUMYANI OCT 16 | N/A | N/A | N/A | N/A | 2810 | 19993 |
| 43 | PEACE BAND CLUB | €110.00 | €110.00 | D | PF | FULL PAGE A4 COLOUR ADVERT ON THE PEACE BAND CLUB MAGAZINE 2016 | 01-09-16 | NXR 1/16 | 5563 | 5563 | 2940 | |
| 44 | PETER SAMMUT | €230.00 | €230.00 | NA | PF | REFUNDABLE DEPOSIT FOR PLACING MACHINERY IN TRIQ MARGARETA MURRAY | N/A | N/A | N/A | N/A | 4006 | 20004 |
| 45 | RACHEL DEMICOLI | €289.10 | €289.10 | D | PF | TUITION OF CIRCUIT TRAINING COURSE - AUG 16 "BIC" | 24-08-16 | NXR 4/16 | 5448 A | 5448 A | 3381 | |
| 46 | RALPH VELLA | €120.00 | €120.00 | NA | PF | REFUNDABLE DEPOSIT FOR PLACING MACHINERY IN TRIQ IT-TORRI TAL-KAPTAN | N/A | N/A | N/A | N/A | 4006 | 19995 |
| 47 | RAYMOND GRECH | €120.00 | €120.00 | NA | PF | REFUNDABLE DEPOSIT FOR PLACING MACHINERY IN TRIQ IC-CIRASA | N/A | N/A | N/A | N/A | 4006 | 19998 |
| 48 | SANDRO CARUANA | €466.29 | €466.29 | T | PF | NAXXAR PUBLIC CONVENIENCE CLEANING - AUG 16 | 31-08-16 | NXR_AUG 16 | N/A | N/A | 3053 | |
| 49 | SILVIO GALEA | €120.00 | €120.00 | NA | PF | REFUNDABLE DEPOSIT FOR PLACING MACHINERY IN TRIQ IL-KBIRA | N/A | N/A | N/A | N/A | 4006 | 20001 |
| 50 | SIMON COLOMBO | €120.00 | €120.00 | NA | PF | REFUNDABLE DEPOSIT FOR PLACING MACHINERY IN TRIQ CASTRO | N/A | N/A | N/A | N/A | 4006 | 20000 |
| 51 | SRF & VELADRIANS | €2,751.25 | €2,751.25 | T | PF | COLLECTION OF SKIPS ON WHEELS - AUG 16 | 01-09-16 | 655 | N/A | N/A | 3043 | |
| 52 | SRF & VELADRIANS | €6,847.40 | €6,847.40 | T | PF | COLLECTION OF MIXED HOUSEHOLD WASTE - AUG 16 | 01-09-16 | 654 | N/A | N/A | 3041 | |
| 53 | SRF & VELADRIANS | €460.20 | €460.20 | T | PF | COLLECTION OF MIXED WASTE - AUG 16 (EXTRA DUTY IRO NAXXAR FEAST 2016) | 09-09-16 | 659 | N/A | N/A | 3041 | |
| 54 | STAFF WAGES | €8,367.03 | €8,367.03 | NA | PF | STAFF WAGES - AUG 16 | N/A | N/A | N/A | N/A | 1200 | N/A |
| 55 | STAFF WAGES | €9,113.00 | €9,113.00 | NA | PF | STAFF WAGES - SEPT 16 | N/A | N/A | N/A | N/A | 1200 | N/A |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 56 | TCTC | €1,150.00 | €1,150.00 | D | PF | TUITION OF THE 4KIDS EDUCATIONAL TRAINING PROJECT SUMMER 2016 | 21-06-16 | 6384 | N/A | N/A | 3381 | |
| 57 | UNION PRINT LTD | €1,046.85 | €1,046.85 | T | PF | PRINTING OF 5,700 NAXXAR LOCAL COUNCIL MAGAZINE (IL-KUNTATT MAL-KUNSILL TIEGHEK) - AUG 16 ISSUE | 24-08-16 | PI008820 | N/A | N/A | 2610 | |
| 58 | VICTOR MULA | €1,449.00 | €1,449.00 | T | PF | HANDYMAN SERVICE - AUG 16 | N/A | N/A | N/A | N/A | 3125 | 19958 |
| 59 | VODAFONE MT | €114.40 | €114.40 | NA | PF | TELEPHONY MONTHLY PAY - AUG 16 (79404014) | 01-09-16 | 5470951092016 | N/A | N/A | 2160 | 19989 |
| 60 | VODAFONE MT | €103.99 | €103.99 | NA | PF | TELEPHONY MONTHLY BILL - AUG 16 (99370990) | 01-09-16 | 5473787092016 | N/A | N/A | 2160 | 19994 |
| 61 | WASTESERV MALTA LTD | €4,224.39 | €2,513.71 | NA | PP | ALLOCATED MSW WASTE - JUL 16 (1ST HALF) | 01-08-16 | 66706 | N/A | N/A | 3040 | |
| 62 | WASTESERV MALTA LTD | €4,903.16 | €2,513.71 | NA | PP | ALLOCATED MSW WASTE - JUL 16 (2ND HALF) | 16-08-16 | 66995 | N/A | N/A | 3040 | |
| | | €68,998.38 | €64,733.26 | | | | | | | | | |

# D

**Income List for the month of August 2016** **02-09-16**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| 0000 | Wardens ghal-ghaqda tan-nar (Festa Naxxar 2016) | €138.00 |
| 0000 | Naxxar Lapel Badges qty 2 | €7.00 |
| 0020 | Commercial/directional signs | €46.59 |
| 0025 | Skip Permit | €56.88 |
| 0026 | Crane Permit | €2,702.97 |
| 0027 | Kiosk Permit | €116.45 |
| 0028 | Outside Activity Permit | €26.97 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €18.64 |
| 0031 | Hire of Council Hall | €46.59 |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | €1,736.52 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €4.82 |
| 0121 | Advertising | €85.00 |
| 0125 | Trenching permits | €13.98 |
| 4006 | Contractors guarantees | €2,450.00 |
| | **TOTAL** | **€7,450.41** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 18536 |
| | To | 18804 |

**E**

## <u>Purchase Order list for the month of August 2016</u> <u>02-09-16</u>

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 03-08-2016 | 5551 | Mario Mallia | Road marking paint | €1,111.36 |
| 03-08-2016 | 5552 | TVI Services Ltd. | Thorough inspection | €141.60 |
| 04-08-2016 | 5553 | Leo's Garage Paramount | Transport services for the elderly - 01/09/16 till 31/12/16 | €747.84 |
| 04-08-2016 | 5554 | B Grima & Sons | Doggy bin c/w pole [Triq Giacomo Bosio] | €123.90 |
| 05-08-2016 | 5555 | Koptasin Coop | No stopping sign | €18.40 |
| 08-08-2016 | 5556 | A to Z Ltd | Laser Colour Printer (HP LaserJet Pro 400 M451dn) | €379.95 |
| 10-08-2016 | 5557 | Anton Zarb | Various street furniture | €1,056.18 |
| 11-08-2016 | 5558 | Koptasin | Street name sign "Triq il-Gnien" 60x30cm | €16.63 |
| 11-08-2016 | 5559 | IGB Hardware | Ramel, rollers, heavy duty bags. | €48.90 |
| 11-08-2016 | 5560 | Parrocca Naxxar | Avviz fil-magazine tal-Parrocca A4 shiha bil-kulur (Waste Separation) | €130.00 |
| 11-08-2016 | 5561 | Ghaqda Muzikali Marija Bambina Banda Vittorja | Avviz fil-magazine tal-Kazin tal-Banda Vittorja A4 shiha bil-kulur (Waste Separation) | €110.00 |
| 11-08-2016 | 5562 | Kazin tal-Futbol Naxxar | Avviz fil-magazine tal-Kazin tal-Futbol A4 shiha bil-kulur (Waste Separation) | €110.00 |
| 11-08-2016 | 5563 | Kazin Peace | Avviz fil-magazine tal-Kazin Peace A4 shiha bil-kulur (Waste Separation) | €110.00 |
| 12-08-2016 | 5564 | Cancelled | | |
| 12-08-2016 | 5565 | Reuben Seychell | Photography service for MCCF Sep 2016 - PL Club | €85.00 |
| 12-08-2016 | 5566 | Dentrade Co Ltd | Drinks -MCCF 2016 | €86.65 |
| 12-08-2016 | 5567 | Patisserie Bakers & Caterers | Canapes, baquettes, waiters & ice cubes | €206.30 |
| 18-08-2016 | 5568 | IGB Hardware | Spray green, nails, kurrent | €10.64 |
| 19-08-2016 | 5569 | Maltapost | Distribution of il-Kuntatt | €107.84 |
| 23-08-2016 | 5570 | B Grima & Sons | Crash barrier posts torepair the damaged one in SPTT | €89.02 |
| 30-08-2016 | 5571 | DOI | church side no parking advert | €9.32 |
| 31-08-2016 | 5572 | Vascas | Memento | €79.00 |
| | | | **Total** | **€4,778.52** |